MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2011

Numru 359/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs.**

**Olivier Michel Patrick Hooge**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Olivier, Michel Patrick Hooge, ta' 40 sena, bin Renee' Hooge Christianne Touchais, imwieled nhar il-15 ta' Awwisu 1970 gewwa Lille Franza, detentur ta' karta tal-identita Franciza bin-numru 030875V00463, u li ma ghandux address fiss f' dawn il-gzejjer (1 Rue Pixerecourt, 75020, Paris).

Akkuzat talli nhar is-26 ta' Frar 2011 ghall-habta tal-0500am gewwa Dolmen Hotel li tinsab f' San Pawl il-Bahar bil- hsieb li jikkometti delitt wera dan il- hsieb b'atti

esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi ittantata li jikkaguna ferita gravi, , fuq il- persuna ta’ Juliette, Marie Elizabeth Trinquet liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill volonta tieghu u dan ai terminu tal-artikoli 41, 214, u 216 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Juliette, Marie Elizabeth Trinquet skond kif iccertifika Dr L.Gatt MD tac-centru tas-sahha tal-Mosta u dan ai terminu tal-artikoli 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor u dan ai termini tal- artikolu 338 (m) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

F’ kaz ta’ htija il-Qorti qedghha wkoll tigi mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tahseb ghas-sigurta tal-vittma billi tordna garanzija ai termini tal-artikolu 383 tal-kapitolu 9 ghal-dak il-perjodu li jidhirla xieraq skond il-ligi.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, u li l-parti civili Juliette Marie

Elizabeth Trinquet iddikjarat, anki bil-gurament quddiem din il-Qorti, li kienet qed tahfirlu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 41, 214, 216(1)(a), 221, u 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' snin, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli jossevaha.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Juliette Marie Elizabeth Trinquet, qieghda torbot lill-hati li ghal zmien sena (1) millum bl-ebda mod ma jikkuntattja jew jimmollestja lil Juliette Marie Elizabeth Trinquet, u dan b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' elfejn euro (€2000.00).

Il-Qorti tordna li dawn il-proceduri flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------